Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Elliott Magro]

vs

Keith Cremona

Kumpilazzjoni Numru: 500/16

Illum, 28 ta' Jannar, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Keith Cremona detentur tal-karta tal-identita` numru 530687M akkuzat talli nhar is-sitta (6)

t'Awwissu 2016 ghall-habta tal-11:55 ta' filghodu, gewwa Triq il-Ferrovija, Santa Venera:

1. Ikkometta serq ta' 'pouch' bi flus kontanti, minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABP-304 tal-ghamla Ford, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur' u bix-'xorta tal-haga misruqa', ghad-dannu ta' Vincent Camilleri u Grazio Camilleri u/jew ta'xi persuna, persuni, entita` u/jew entitajiet ohra **u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261, 267 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u fil-granet sussegwenti, kiser il-Liberta` Provizorja billi naqas milli jhares kundizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. fid-digriet tieghu datat 18 ta' Lulju 2011, dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnatlu li jaghmel mill-istess Qorti;

F’kaz ta’ htija il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Vincent Camilleri u Grazio Camilleri u tapplika l-provvedimenti ta’ Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti wkoll giet mitluba tittratta ma’ Keith Cremona bhala recediv ta’ sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta’ Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija, flimkien mal-piena skont il-Ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bih Keith Cremona nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmija imputat kif ukoll tordna li s-somom bhala depoziti u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Settembru elfejn u sittax (2016) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq li sehh fi Triq il-Ferrovija gewwa Santa Venera.

Illi l-Ufficjal Prosekutur, l-**Ispettur Elliott Magri,** wara li qara l-akkuzi bil-gurament ipprezenta fost dokumentazzjoni ohra, vera kopja tal-*bail conditions* tal-imputat (Dok. EM3 a folio 13 tal-process).

Illi xehed il-parte civile **Vincent Camilleri** li qal li fis-6 t'Awwissu kien hdejn missieru ghall-habta tat-8:30/9:00 ta' filghodu fejn ra

lil Keith Cremona hdejn it-trakk tal-gass tieghu u ta' missieru. Jghid li huwa telaq f'xi l-10:30 ta' filghodu jew ftit qabel u cempillu missieru fejn b'qatgha kbira fuqu qallu li serquh. Ix-xhud qal li kien avza lil missieru biex joqghod attent ghax xejn ma kien ghogbu dak ir-ragel. Il-parte civile gharaf lill-imputat fl-awla. Qabel ma x-xhud telaq minn fejn kien ma' missieru qal li ra lill-imputat idur mat-trakk u anki dahal taht it-trakk fejn qisu beda jaqta' xi haxix. Il-parte civile qal li hu u missieru jbieghu l-gass. Zied jghid li meta cempillu missieru qallu wkoll li pprova jigri wara dak li serqu u kien kwazi qabdu. Wara Vincent Camilleri mar l-ghassa ma' missieru sabiex jaghmlu rapport u peress li missieru kien kwazi qabdu huwa seta' jaghraf min kien.

In kontroezami l-istess xhud qal li ilu jaf lill-imputat minn wiccu. Qal li jafu ghax jarah ghaddej gewwa Santa Venera fejn huwa jqassam il-gass. Dakinhar tas-sitta t'Awwissu qal ukoll li meta ra lill-imputat it-trakk tieghu kien ipparkjat ghaliex kien qed ibiegh ic-cilindri tal-gass lin-nies li jigu bil-karozzi. Qal ukoll li ma jafx x'jaghmel l-imputat bhala xoghol ghaliex qatt ma kellmu pero` qal li sema' affarijiet hziena fuqu ghaliex il-kugini tal-istess imputat kienu qalulu fuqu. Jghid ukoll li meta ra lil Keith Cremona

hdejn it-trakk tieghu ma marx ikellmu ghax *"qisu qam bilwieqfa kif rani, qam bilwieqfa u nizel l-isfel."* Wara li rah jghid li dam cirka nofs siegha mbaghad mar iqassam il-gass bil-vann iz-zghir. Jikkonferma li wicc l-imputat kien mikxuf. Mistoqsi jekk rax lill-imputat jitla' fil-kabina tat-trakk jghid li ma kienx hemm x'hin serqu lil missieru. Jghid li bejn meta ra lill-imputat sakemm cempillu missieru kienet ghaddiet cirka siegha.

Xehed ukoll il-parte civile **Grazio Camilleri** li qal li huwa jmur jghin lit-tifel tieghu li huwa *disributor* tal-gass. Gara li s-Sibt filghodu fis-6 t'Awwissu kienu hdejn St. Philip's gewwa Santa Venera u ra guvni jdur mat-trakk tieghu. Jghid li kienu pparkjati meta kien gie guvni li wara sar jaf li huwa Keith Cremona. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla fejn qal: *"U zgur li naghrfu."*

Ix-xhud kompla billi qal is-segwenti: *"…imbaghad gie ragel jixtri cilindru tal-gass u qalli: Mela ghandek l-ghajnuna llum? Ghidtlu: X'ghajnuna hu? Qalli dak ta' hemm, qalli …. Hsiebek hemm oqghod attent minnu dak. Ghidtlu: Grazzi u telaq."* Ix-xhud jghid li l-imputat l-ewwel dahal taht it-trakk fejn haseb li waqa'. Imbaghad mar man-naha tal-i*steering* u wara dahal go ghalqa

fejn hemm mizbla u mbaghad telaq. F'xi 11:50am meta x-xhud beda jzarma qal li beda jaghlaq il-gaggeg tac-cilindri biex ma jaqghux *"u kif qed indur minn wara hekk rajt il-bieba tinghalaq bil-pouch jigri 'l fuq biha.*" Huwa jghid li l-bieba li ra tinghalaq kienet dik tat-trakk tan-naha tal-i*steering* imbaghad ra lill-imputat jigri bil-*pouch* 'il fuq fejn imbaghad qasam bl-addocc. Kompla jispjega li huwa gera warajh u beda jghajjat *"tini dak il-pouch"*. Dak il-hin l-imputat hares lejh, dahhal idejh fil-*pouch*, hadlu €1,700 u ramielu l-*pouch* fin-nofs tat-triq qalb il-karozzi go Triq San Gorg, Santa Venera.

Il-parte civile qal ukoll li l-bieba tat-trakk minn fejn hadlu l-*pouch* kienet maghluqa izda mhux imsakkra ("*maghluqa normali")* u kif ra lil Keith Cremona jiehu l-*pouch* minn got-trakk gera warajh. Huwa qal li dawk il-flus huma tat-tifel tieghu u mhux tieghu. Ix-xhud rega' kkonferma li fil-*pouch* kien hemm €1,700. Ikompli jghid li l-imputat l-ewwel qabad jigri mbaghad beda miexi u allura lahqu fejn mess spallejh u meta dar l-imputat inhasad ha s-sbatax il-mija u rema l-*pouch* f'nofs ta' triq. Qal li l-imputat kien liebes *hood*, *"bhal din li tilbes tax-xita"*. Kompla jghid li huwa jaf liz-zijiet tal-imputat izda l-imputat ma jafux.

Jghid ukoll li filghodu meta beda jdur madwar it-trakk it-tfal tieghu peress li huma tampar l-imputat kienu jafu li jismu Keith Cremona. Fuq domanda tal-Qorti l-parte civile qal li l-wicc gharfu ghaliex l-imputat baqa' jhares lejh u jiccassa qabel ma rema l-*pouch*.

In kontroezami l-parte civile jikkonferma li gieli kien ra lill-imputat qabel peress li gieli tela' bil-karozza f'dawk l-inhawi izda ma kienx jafu b'ismu. Jghid ukoll li meta kien hemm Keith Cremona jdur mat-trakk kien ghadu kmieni (xi 7:30am) u ma kienx ghadhom gew in-nies biex jixtru. Ix-xhud jikkonferma li hdejn l-isptar St. Philip's hemm xi ghalqa li jappartjeni lill-familja tal-imputat. Jghid li wiccu fis-7:30 ta' filghodu ma kienx mghotti u ma kellux skufja u jippreciza li l-imputat ma kienx fejn l-ghalqa izda kien hafna 'l fuq mill-ghalqa, fil-fatt kien hdejn l-isptar. Jghid li meta ra lill-imputat hiereg min-naha tax-xufier kienu l-11:45 ta' filghodu jew 12:00 wara li pogga c-cilindri f'posthom u kien ser imur jistartja t-trakk halli jtella l-arja. Mistoqsi mid-difiza jekk bejn dawk l-erba' sieghat Keith Cremona baqa' ghassa hemm ix-xhud jghid: *"Ghassa bilfors qaghadli."* Jghid imbaghad li

bejn dawk l-erba' sieghat kien qed jaqdi lin-nies allura ma tax kaz fejn kien l-imputat.

Xehdu wkoll **PS827 Edward Grech** u **PC1322 Carl Vella Cassia** li qalu li fis-6 ta' Awissu 2016 ghall-habta tal-12:15 gew l-ghassa Vincent Camilleri u Grazio Camilleri li rraportaw li ghall-habta ta' 11:55am waqt li Grazio Camilleri kien qed ibiegh ic-cilindri tal-gass kien qed jirranga xi cilindri biex izarma meta lemah ragel diehel min-naha tal-passiggier li kien liebes skufja u kellu xi tpingija ma' jdejh liema ragel hadlu l-*pouch* tal-flus u harab bih. Qal li fil-pouch kien hemm bejn €1,500 u €1,700 fejn l-istess Grazio Camilleri gibed l-attenzjoni taghhom ghall-fatt li filghodu certu Keith Cremona kien qed idur mat-trakk tieghu u gharaf il-persuna li harbet mill-post bhala l-istess Keith Cremona. Qalilhom ukoll li gera warajh u fil-pront rema l-*pouch* fit-triq liema *pouch* kien vojt. PS 827 jghid li kellem lis-sidien ta' hwienet fl-inhawi ghas-CCTV *recordings* u kif ukoll informa l-ghassa tal-Belt sabiex malli l-imputat imur jiffirma dan jigi mizmum izda mill-ghassa infurmawh li Keith Cremona kien ilu sitt xhur ma jmur jiffirma.  PC1322 ikkonferma bil-gurament ir-rapport esebit bhala Dok. EM4.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2017 id-difiza ddikjarat li m'ghandhiex provi xi tressaq u ghalhekk il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni.

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tinnota li ma hemm l-ebda dubju li kien Keith Cremona li seraq il-*pouch* minn got-trakk ta' Vincent u Grazio Camilleri. Tant hu hekk li l-imputat inqabad *in flagrante delicto*. Grazio Camilleri kien carissimu fix-xhieda tieghu meta qal li ra xi hadd hiereg mit-trakk min-naha tal-i*steering* u bil-*pouch* tal-flus ta' ibnu 'il fuq fl-arja. L-istess Grazio Camilleri spicca gera wara l-imputat u meta gie vicin tieghu u missu fuq spallejh l-istess imputat dar wiccu lejh fejn fil-paniku hareg il-flus kollha u rema l-*pouch* vojt fin-nofs tat-triq. L-istess Grazio Camilleri jghid li huwa gie wicc imb'wicc mal-imputat li ma kellux wiccu mghotti izda kellu *hood.* Allura seta' facilment jiftakar wiccu. Tant hu hekk li meta gie mistoqsi jekk hux qed jaghraf l-imputat fl-awla rrisponda billi qal *"U zgur li naghrfu."*

Ghalhekk fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni l-Qorti hija konvinta oltre kull dubju dettat mir-raguni li kien proprju l-imputat li seraq il-*pouch* inkwistjoni mit-trakk tas-sinjuri Camilleri u di fatti l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tad-difiza.

Illi ghar-rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta mal-imputat bhala persuna recidiva, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma pprezentat l-ebda sentenzi fl-atti processwali sabiex tissostanzja t-talba taghha u ghaldaqstant l-addebita tar-recidiva ma tapplikax u l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271, 383, 384, 385, 412C, 579, 533, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Keith Cremona hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) u kif ukoll il-Qorti qieghda tordna li s-somma ta' ghaxar t'elef ewro (€10,000) taht garanzija

skont id-digriet tal-helsien mill-arrest datat 18 ta' Lulju 2011 jigu kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tar-recidiva stante li ma gietx ippruvata.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**